**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. GIANNELLA CAMILLERI BUSUTTIL**

**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**Illum 30 ta' Awwissu 2024**

**Kawża Numru: 3738/2023**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Mark Cremona)**

**kontra**

**Osman Badwy**

Il-Qorti,

Rat li l-imputat **Osman Badwy** ta' sebgħa u għoxrin (27) sena, iben Badawi u Naiwa neè Osman, imwieled is-Sudan (Shimal) nhar is-sbatax (17) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u sitta u disgħin (1996), bla residenza u detentur tan-numru tal-Pulizija 19JJ-040, ġie mressaq quddiemha u akkużat talli f'dawn il-Gżejjer fit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u/jew fil-ġranet ta' qabel din id-data:-

1. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokaina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba' (4) u s-sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li

d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

2. Kellu fil-pussess tiegħu d-droga herojina speċifikata fl-Ewwel Skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġjiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-raba' (4) u s-sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli ta' l-elf disa' mija u disgħa u tletin (1939) dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

3. Kellu fil-pussess tiegħu r-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raża bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali ċirkostanzi li juru li ma kinitx għall-użu esklussiv tiegħu.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkużat jew huma proprjeta' tiegħu, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkużat milli jittrasferixxi jew xort'oħra jiddisponi minn xi propjeta' mobbli jew immobbli, ai termini ta' l-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi di piu' il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti eżebiti, inkluż l-Ordni tal-Avukat Ġenerali datat tnejn (2) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) maħruġ ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, li permezz tiegħu l-Avukat Ġenerali ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti sabiex iwieġeb għall-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu għal ksur tal-provvedimenti tal-istess Ordinanza[1];

Rat illi fis-seduta ta' nhar it-tnejn (2) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), l-imputat wieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu;

Semgħet fl-udjenza ta' nhar il-ħdax (11) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), is-sottomissjonijiet finali mill-partijiet;

**Ikkunsidrat**

Illi in sostenn tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat, il-<u>Prosekuzzjoni</u> ressqet is-segwenti xhieda :-

Illi **l-Ispettur Mark Cremona**[2] jixhed illi fit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) għal ħabta tas-sebgħa u kwart, PS1320, PC2450 u PC72 kienu qegħdin jagħmlu ronda fl-inħawi ta' Sqaq il-Ġerrejja, l-Marsa u dan in segwitu għal sensiela ta' rapporti dwar attivita' illegali f'dawk l-inħawi. Sussegwentement huwa ġie nfurmat li l-Uffiċjali tal-Pulizija kienu osservaw lill-imputat, li kellu basket tax-xiri bil-kelma 'Spar' f'idejh, li malli ra lill-Pulizija rema l-basket, li fih kien hemm sustanza suspettata droga u telaq jiġri. Ix-xhud iżid igħid li huwa kien informa lill-Maġistrat tal-Għassa, li appuntat diversi esperti sabiex jassistu fl-inkjesta.

L-Ispettur Cremona jispjega li f'dan il-basket instabu tnejn u tmenin (82) qartas b'sustanza ta' kulur kannella suspettata herojina f'ammont ta' tlieta u tletin punt għoxrin gramma (33.20g), wieħed u erbgħin (41) *sachet* suspettati Cannabis f'ammont ta' erbgħa u ħamsin punt sebgħin gramma (54.70g) u sebgħa u erbgħin

[1] 'Dok MC 1' a fol. 6 tal-atti proċesswali
[2] A fol. 18 tal-atti proċesswali

(47) qartas b'sustanza ta' kulur abjad suspettata kokaina f'ammont ta' tmintax punt sebgħa u tmenin gramma (18.87g). Fl-istess basket instab ukoll kontenitur tal-metal bil-kliem "*Don't Worry Be Happy*" li kien fih tmien (8) biċċiet suspettati raża tal-Cannabis imdawrin bil-foil f'ammont ta' tlettax punt disgħa u tletin gramma (13.39g). Instab ukoll basket ta' kulur blu u kannella li kien fih qratas żgħar b'sustanza ta' kulur kannella suspettata herojina f'ammont ta' sitta punt sitta u disgħin gramma (6.96g), kif wkoll qratas żgħar b'sustanzi ta' kulur abjad suspettati Kokaina f'ammont ta' erbgħa u għoxrin punt ħamsa u sebgħin gramma (24.75g). Instab ukoll kontenitur ta' kulur iswed bil-kliem fuqu "*Warrior rage pre workout"* li kien fih numru ta' *sachets* tal-plastik vojta. Dawn l-oġġetti ġew elevati u mgħoddija għall-investigazzjoni fl-atti tal-inkjesta.

L-Ispettur Cremona jixhed li huwa ġie nfurmat, li dakinhar stess, xi siegħat wara, Osman Badwy instab fl-istess inħawi u ġie arrestat. L-imputat ġie interrogat u rrilaxxja stqarrija datata tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), liema stqarrija ġiet eżebita u mmarkata bħala 'Dok MC 3'[3].

<u>In kontro eżami</u>, l-Ispettur Mark Cremona kkonferma li l-imputat kien ġie arrestat nhar it-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u itteħditlu stqarrija. Igħid li bejn l-ewwel darba meta l-Pulizija raw lill-imputat jitlaq jiġri u t-tieni darba meta reġgħu rawh il-Pulizija u ġie arrestat, kienu għaddew ftit siegħat. Ix-xhud igħid li ma setgħax jindika l-ħin preċiż tal-arrest għax huwa ma kienx preżenti meta sar l-arrest. Igħid ukoll li ma kienx hu li rrediġa r-rapport tal-Pulizija eżebit in atti pero jispjega li huwa kien ħa l-istqarrija tal-imputat għall-ħabta tal-għaxra u għoxrin minuta ta' filgħaxija (10:20p.m.).

**PS 1320 Shaun Axiaq**[4] stazzjonat il-*Community Police Office* tal-Marsa jixhed illi nhar it-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) għal ħabta tas-sebgħa u kwart ta' filgħaxija (7:15 p.m), huwa flimkien ma PC 2450 u PC 72 kienu qegħdin jagħmlu ronda ġewwa il-Marsa. Kif niżlu fi Triq il-Ġerrejja, raw persuna maskili ta' karnaġġjon skur, li f'idejh kellu basket abjad, li kif ra lill-Pulizija qisu inħasad, telaq il-basket ma l-art u ħarab jiġri fi Triq il-Ġerrejja għal Triq it-Tiġrija. Dak il-ħin PC2450 ipprova jilħaq lil din il-persuna iżda ma rnexxilux. PS 1320 igħid li huwa mar jiċċekja l-basket x'kien fih. Jispjega li l-basket kien ta' kulur abjad u fuqu kien hemm il-kelma SPAR miktuba. Igħid li kif fetaħ il-basket ra li kien hemm ammont ta' droga li kien mqassam ġo kontenituri

[3] A fol. 9 tal-atti proċesswali
[4] A fol. 22 tal-atti proċesswali

differenti, kif indikat fir-rapport tal-Pulizija. Is-Surġent jixhed li huwa ħa dan il-baskett l-għassa tal-Pulizija tal-Marsa u nforma lill-Ispettur Mark Cremona. Sussegwentement huwa ġie mogħti struzzjonijiet sabiex jieħu l-basket fl-għassa tal-Pulizija ta' Rahal Ġdid sabiex tiġi mwieżna d-droga. Huwa jispjega li huma u sejrin lura ħdejn l-Ispettur, fi Triq il-Ġerrejja stess reġa' lemaħ l-istess persuna maskili ta' karnaggjon skur li kienet ħarbet madwar siegħa jew sagħtejn qabel. Dak il-ħin din il-persuna, ngħatawlha d-drittijiet tagħha u ġiet arrestata u ġiet skortata lejn l-Għassa tal-Furjana sabiex tiġi mitkellma mill-Ispettur Mark Cremona.

Ix-xhud jagħmel referenza għall-lista ta' sustanzi u oġġetti li nstabu fil-basket in kwistjoni, li tifforma parti mir-rapport tal-Pulizija eżebit in atti bħala 'Dok MC 2'[5]. Ix-xhud għaraf ukoll lill-imputat bħala l-istess persuna li fil-jum in kwistjoni kienet qegħda ġġorr il-basket abjad kontenenti d-droga u li telqet tiġri minn fuq il-post meta rathom. Huwa jispjega li lill-imputat kienu saru jafuh għax kemm-il darba waqqfuh ġewwa l-Marsa. Muri 'Dok MC3' igħid li dik hi l-istqarrija li rrilaxja l-imputat wara li ngħata d-drittijiet tiegħu u fuq kull faċċata għaraf il-firma tiegħu.

<u>In kontro-eżami</u> jgħid li l-basket ġabru minn Triq il-Ġerrejja, il-Marsa. Spjega li hemm kumpless ta' garaxxijiet iżda l-entratura għal dan il-kumpless hija miftuħa għal kulhadd u l-basket kien fuq il-bankina qabel tidħol għal din l-entratura. Igħid li *bodycams* kellhom iżda ma kinux mixgħula. Igħid li l-imputat kien ġie arrestat fit-tletin (30) ta' Mejju stess filgħaxija u wara li kien ġie arrestat il-Maġistrat ordna li jiġi rilaxxjat pero ma jafx x'kienet ir-raġuni.  Jaf li l-imputat tressaq il-Qorti nhar it-tnejn (2) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023).

Huwa jgħid ukoll li fit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), huma kienu raw lill-imputat darbtejn. Igħid li meta rawh l-ewwel darba huma kienu qegħdin jagħmlu r-ronda bil-mixi u l-imputat kif rahom resqin lejh, tefa' l-basket mal-art u telaq jiġri. Igħid li huma kienu kollha ma ġenb xulxin u għalhekk ma jistax jgħid min kien l-iktar viċin tal-imputat. Huwa jispjega li kien PC 2450 li mar jiġri wara l-imputat waqt li hu u PC 72 baqgħu ma ġenb il-basket. Igħid li huma reġgħu raw lill-imputat it-tieni darba fl-istess ġurnata, xi ħin wara, fl-istess post fejn kien iktar kmieni. Igħid li hu u PC 72 kienu qegħdin jagħmlu r-ronda bil-karozza tas-servizz u għarfu lill-imputat bħala l-istess persuna għax kien liebes l-istess ħwejjeġ u kienu waqfuh diversi drabi l-Marsa għax kien

[5] A fol. 7 tal-atti proċesswali

jiffrekwenta l-istess post. Mistoqsi fir-rigward tal-aġġornament fir-rapport tal-Pulizija li sar fit-tnejn (2) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), huwa jgħid li ma jistax iwieġeb għax ma kienx hu li rrediġa r-rapport. Jispjega pero li dakinhar tat-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) meta kien ġie arrestat l-imputat, kienet ittieħdet l-istqarrija minn l-Ispettur Mark Cremona u wara l-imputat kien ingħata *police bail* u kien reġa' ġie arrestat fit-tnejn (2) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) in segwitu għal ħruġ ta' mandat ta' arrest[6].

**PC 2450 Hertian Vassallo**[7], stazzjonat l-għassa tal-Marsa, jixhed illi nhar it-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) għall-ħabta tas-sebgħa u kwart ta' filgħaxija (7:15 p.m) hu flimkien ma PS 1320 u PC 72 kienu qegħdin jagħmlu ronda bil-mixi ġewwa Triq il-Ġerrejja, il-Marsa, meta lemħu persuna maskili ta' karnaġġjon skur, li kien qiegħed fuq barra ta' waħda mid-daħliet li jaghtu għal ħafna garaxxijiet li hemm għall-istalel. Igħid li x'ħin rahom, telaq l-basket li kellu f'idu bil-kelma SPAR u ħarab jiġri minn fuq il-post. Dak il-ħin huma marru fejn il-basket u saret tfittxija fil-basket fejn nstabu diversi pakketti suspettati droga. Igħid li huwa prova jara fejn kienet marret din il-persuna iżda ma sabux, filwaqt li PS 1320 u PC 72 baqgħu fejn il-basket.

Huwa jispjega li din il-pesuna kienet l-imputat Osman Badwy bin-numru tal-Pulizija 19JJ-040. Igħid li l-imputat kien magħruf magħhom għax kienu waqqfuh diversi drabi l-Marsa fuq tlajjar. Ix-xhud igħid li s-sustanzi ttieħdu l-għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid minn PS 1320 u PC 72 sabiex jiġu mwieżna. Huwa jagħmel ukoll referenza għall-lista ta' sustanzi u oġġetti li nstabu fil-basket in kwistjoni, li tifforma parti mir-rapport tal-Pulizija eżebit in atti. Jispjega li dawn l-affarijiet ittieħdu l-għassa tal-Pulizija tal-Furjana, fejn għall-ħabta tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (10.30 p.m) rraporta l-Uffiċjal tax-Xena tar-Reat PS 385 sabiex jieħu r-ritratti neċessarji. Nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) huwa għadda s-sustanzi u l-oġġetti lil Dr Marisa Cassar. PC 2450 jagħraf ukoll lill-imputat fl-awla bħala l-persuna li xehed dwarha. Muri d-dokument mmarkat bhala 'Dok MC2' igħid li dan hu r-rapport li daħħal hu fis-sistema.

<u>In kontro-eżami</u> x-xhud igħid li huwa ma kienx involut la fl-ewwel u lanqas fit-tieni arrest tal-imputat. Huwa jgħid li għaraf lill-imputat mill-ewwel għaliex

[6] A fol. 185 tal-atti proċesswali
[7] A fol. 28 tal-atti proċesswali

kienu waqqfuh diversi drabi minħabba tlajjar. Igħid li fit-tletin (30) ta' Mejju meta rah l-ewwel darba, kien xi ħames jew għaxar metri 'l bogħod minnhom. Jikkonferma li x'ħin resqu viċin il-basket u rawh mimli b'sustanzi differenti, huwa telaq jiġri wara l-imputat, filwaqt li PC 72 u PS 1320 baqgħu mal-basket. Meta reġa' ġie mistoqsi minn xiex kien għaraf li din il-persuna kienet l-imputat odjern, huwa jerġa' jispjega li huma kienu waqqfuh kemm-il darba waqt ir-ronda tagħhom u talbuh id-dokumenti għaliex kien jitlajja fl-akkwati tal-istallel[8].

**PC 72 Glenn Camilleri[9],** stazzjonat il-*Community Police Office* tal-Ħamrun, jixhed illi nhar fit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), għall-ħabta tas-sebgħa u kwart ta' filgħaxija, hu flimkien ma PS 1320 u PC 2450 kienu qegħdin jagħmlu ronda fi Triq il-Ġerrejja, il-Marsa. Waqt din ir-ronda huma kienu nnutaw persuna maskili ta' karnaġġjon skur, li kien fid-daħla tal-garaxxijiet li hemm fl-istess triq, u li f'idejh kellu basket tal-plastik abjad bil-kelma SPAR fuqu. Igħid li x'ħin lemaħ lill-Pulizija, dan l-individwu telaq il-basket mal-art fuq il-bankina u ħarab jiġri. Huwa igħid li din il-persuna kienet Osman Badwy bin-numru tal-Pulizija 19JJ-040. Jispjega li huma kienu jafuh minn qabel għax kemm-il darba rawh fl-istess akwati. Igħid li huma nnutaw li fil-basket kien hemm sustanzi suspettati droga. Huwa jagħmel ukoll referenza għall-lista ta' sustanzi u oġġetti li nstabu fil-basket in kwistjoni, li tifforma parti mir-rapport tal-Pulizija eżebit in atti. Jispjega ukoll li dawn is-sustanzi allegati droga li kienu f'kontenituri differenti ġewwa l-istess basket kienu ttieħdu l-għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid minnu u minn PS 1320 sabiex jiġu mwieżna. Igħid li għall-ħaba tal-għaxra u nofs ta' filgħaxija (10:30 p.m.) irraporta PS 385 bħala Uffiċjal tax-Xena tar-Reat li ħa r-ritratti neċessarji. Ix-xhud igħid li qiegħed jagħraf lill-imputat bhala l-istess persuna li telqet tigri minn fuq il-post u ħalliet il-basket abjad warajha bil-kelma SPAR.

In kontro-eżami, jgħid li CCTV fl-inħawi ma kienx hemm. Huwa kkonferma li ħadd minnhom ma xegħel il-*bodycam* dakinhar għaliex kollox ġara fi ftit ħin. Ikkonferma li kien PC 2450 li mar jiġri wara l-imputat. Igħid li lill-imputat kien jaghrfu għaliex ma kinitx l-ewwel darba li waqfuh u kienu jafuh. Igħid li lill-imputat għarfu minn wiċċu. Huwa jikkonferma li l-imputat kien ġie arrestat dakinhar stess meta l-Pulizija reġgħu rawh fl-istess akwati. Ix-xhud stqarr li l-aġġornament ta' nhar it-tnejn (2) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023)

[8] A fol. 193 tal-atti proċesswali
[9] A fol. 35 tal-atti proċesswali

fuq ir-rapport tal-Pulizija ma sarx minnu. Jgħid li ma kienx involut fl-arrest tal-imputat. Huwa jerġa' jikkonferma li lill-imputat kien iltaqa' miegħu diversi drabi u li fil-jum in kwistjoni meta għamlu *eye contact*, l-imputat friża, telaq il-basket u telaq jiġri.

Ġie preżentat ukoll il-***proces verbal*** relattiv minn fejn jirriżulta li l-Maġistrat Inkwirenti Dr. Kevan Azzopardi innomina lis-Sur ,Gilbert Mercieca bħala espert kimiku, lil PS 385 Emanuel Dalli bħala Uffiċjal tax-Xena tar-Reat (fotografija), lil PS 813 Clinton Vella bħala Uffiċjal tax-Xena tar-Reat (impronti diġitali) u lil Dr. Marisa Cassar bħala espert dwar id-DNA. Nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), il-Qorti kkonfermat l-esperti kollha li kienu ġew nominati fl-inkjesta[10].

**PS 385 Emanuel Dalli**[11] jixhed illi nhar it-tletin (30) ta' Mejju tal-istess sena kien gie nominat fl-atti tal-inkjesta bħala Uffiċjal tax-Xena tar-Reat. Huwa jispjega li kien aċċeda fl-uffiċju ta' l-iSpettur Mark Cremona fi Triq Sant Anna, il-Furjana, fejn hemmhekk kien hemm l-imputat qiegħed jiġi mitkellem mill-Ispettur Mark Cremona. Huwa preżenta r-relazzjoni tiegħu minn fejn jirriżulta li kien ġie ndikat lilu basket ta' lewn abjad bil-kelma SPAR fuqu, li fih kien hemm diversi kontenituri u basktijiet li jikkontjenu qratas u sustanzi suspettati illegali. Huwa ħa hsieb jiffotografa dan il-basket u l-kontenut tieghu u ġibed total ta' tlieta u erbgħin (43) ritratt. Huwa pprezenta r-ritratti meħuda minnu flimkien ma CD ġewwa faxxikolu li gie mmarkat bhala 'Dok ED'[12].

**Ix-xjentist Gilbert Mercieca**[13] jixhed illi nhar it-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), huwa kien ġie nominat fl-atti tal-inkjesta. Huwa kien ġie mgħoddi dokumenti li kien fihom pakketti b'sustanzi differenti, mingħand Dr. Marisa Cassar. Igħid li b'kollox kien hemm wieħed u disgħin (91) pakkett kontenenti sustanza ta' lewn kannella, mija u tnax (112) il-pakkett kontenenti sustanza ta' lewn abjad, wieħed u erbgħin (41) pakkett kontenenti materjal erbaċeju ta' lewn aħdar u tmien (8) biċċiet reżina ta' lewn kannella. Ix-xhud preżenta r-relazzjoni tiegħu li ġiet immarkata bħala 'Dok GM'[14] minn fejn jirriżulta li wara li saret l-analiżi sabiex jiddentifika s-sustanzi mgħoddija lilu, huwa kkonkluda li:-

[10] A fol. 65 tal-atti proċesswali
[11] A fol. 67 tal-atti proċesswali
[12] A fol. 69 et. seq tal-atti proċesswali
[13] A fol. 97 tal-atti proċesswali
[14] A fol. 101 tal-atti proċesswali

*"Il-materjal erbaċeju ta' lewn aħdar ġie identifikat bħala partijiet mill-pjanta tal-Cannabis, b'piż totali ta' 40.47g mqassma ġewwa 41 borża. Il-persentaġġ medju ta' Cannabinoid (Δ-9-THC) fil-materjal kien ta' 12%, b'valur fis-suq estimat ta' €445."*

*"Is-sustanza ta' lewn abjad ġie identifikat bħala kokaina, b'piż totali ta' 16.57g mqassma ġewwa 112 il-borża. Il-persentaġġ medju ta' kokaina fil-materjal kien 58-68%, b'valur fis-suq estimat ta' €978."*

*"Is-sustanza ta' lewn kannella ġiet identifikata bħala taħlita ta' Eroina, Kaffeina u Acetaminophen, b'piż totali ta' 21.46g mqassma ġewwa 91 borża. Il-persentaġġ medju ta' Eroina fil-materjal kien 4%, b'valur fis-suq estimat ta' €1374."*

*"Ir-reżina ta' lewn kannella ġiet identifikata bħala reżina meħuda minn partijiet mill-pjanta tal-Cannabis u mħallta ma materjal kontenenti l-HHC. Il-persentaġġ medju ta' Cannabinoid (Δ9-THC) fil-materjal kien ta' 3%, b'piż totali ta' 12.40g (N=8) u b'valur fis-suq estimat ta' €136."*

Ix-xhud spjega li l-ammont ta' kokaina fil-materjal kien ivarja bejn tmienja u ħamsin fil-mija (58%) u tmienja u sittin fil-mija (68%) għax kien hemm tipoloġija differenti ta' materjal u għalhekk ħadu iktar minn kampjun wieħed sabiex ikunu jistgħu joħorġu l-persentaġġ tal-kokaina f'dan il-materjal. Fir-rigward tar-reżina ta' lewn kannella, huwa spjega li ġewwa din ir-reżina kienu identifikati żewġ tipi ta' sustanzi. Kien hemm fosthom *tetrahydrocannabinol* (THC) li huwa indikattiv li din hija reżina meħuda mill-pjanta tal-*cannabis*. Kienet ukoll identifikata l-*hexahydrocannabinol* li huwa *cannabinol* li huwa *semi synthetic* jiġifieri *Cannabinoid* derivat minn *cannabinoid* ieħor.

Igħid li fost id-dokumenti kien hemm ukoll bott ta' lewn iswed kontenenti ħafna boroż tal-plastik u mill-kampjun li ttieħed mir-residwi li nstabu fuq dawn il-boroż, kienu identifikati ukoll traċċi ta' kokaina. Ix-xhud eżebixxa s-sustanzi li fuqhom saret l-analiżi. Huwa igħid li l-ippakjar tal-istess sustanzi ġie mogħti lil l-espert maħtur fl-inkjesta PS 813 Clinton Vella sabiex jagħmel l-eżamijiet għall-impronti diġitali.

**Dr Marisa Cassar**[15] tixhed li hija kienet ġiet nominata bħala espert fl-inkjesta dwar sejba ta' drogi fi Triq il-Ġerrejja, il-Marsa. Hija ppreżentat ir-rapport tagħha li ġie mmarkat bħala 'Dok MC'[16] u l-fdalijiet tal-*buccal swab* li ġew immarkati bħala 'Dok MC1'. Mir-rapport tagħha jirriżulta li hija kienet ġabret il-boroż tal-evidenza mingħand PC 2450 Hertian Vassallo nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023). Jirriżulta ukoll li nhar id-disgħa (9) ta' Ġunju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) hija ġabret kampjuni orali tal-imputat ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana. Tgħid li bħala konklużjoni ħareġ profil ġenetiku imħallat f'numru ta' kampjuni u profil ġenetiku parzjali f'kampjun ieħor, iżda l-imputat mhux wieħed mill-kontributuri.

**PS 813 Clinton Vella**[17] li kien ġie maħtur bħala espert tal-impronti diġitali b'digriet tal-Maġistrat Inkwirenti ta' nhar it-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), xehed u preżenta r-relazzjoni tiegħu li ġiet immarkata bħala 'Dok CV'[18]. Huwa jispjega li kien rċeva sitt esebiti mingħand Dr. Marisa Cassar li fil-maġġor parti tagħhom kienu boroż tal-plastik trasparenti. Igħid li ġew misjuba tmien (8) impronti digitali. Huwa rritorna ukoll l-eżebiti kollha li fuqhom saret l-analiżi.

**Joseph Mallia** li kien nominat minn din il-Qorti permezz tad-digriet ta' nhar l-għoxrin (20) ta' Diċembru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) sabiex jeleva l-impronti diġitali u palmari tal-imputat u jagħmel eżami komparattiv bejn l-impronti tal-imputat u l-impronti elevati mill-espert PS 813 Clinton Vella, xehed nhar il-wieħed u tletin (31) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024)[19] u stqarr li ħa l-impronti digitali u palmari.tal-imputat seduta stante dakinhar stess. Huwa ppreżenta l-formola tal-impronti digitali tal-imputat li ġiet immarkata bħala 'Dok OB1' u dik tal-marki tal-pali tal-idejn tal-imputat li ġiet immarkata bħala 'Dok OB2'. Dakinhar stess l-espert ingħata l-awtorizazzjoni sabiex jirtira dawn l-istess żewġ dokumenti sabiex ikompli jaqdi l-inkarigu mogħti lilu. Ix-xhud reġa' ddepona nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Frar tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u preżenta r-rapport tiegħu li ġie mmarkat bħala 'Dok JM' fejn ikkonkluda li l-impronti diġitali li jidhru żviluppati fid-dokumenti li ġew mgħoddija lilu għall-analiżi ma kellhomx bizzejjed punti karatteristici sabiex iwasslu għall-komparazzjoni u identifikazzjoni u għalhekk ma setgħux isiru l-eżamijiet

[15] A fol. 121 tal-atti proċesswali
[16] A fol. 123 tal-atti proċesswali
[17] A fol. 134 tal-atti proċesswali
[18] A fol. 137 tal-atti proċesswali
[19] A fol. 154 tal-atti proċesswali

komparattivi rikjesti bejn dawn l-impronti digitali u l-impronti diġitali u l-marki tal-pali tal-idejn tal-imputat.

**Stqarrija tal-imputat[20]**

L-imputat irilaxxa stqarrija nhar it-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) wara li ngħata s-solita twissija u wara li ngħata ukoll l-jedd tal-parir legali. L-imputat jistqarr li dakinhar tat-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), meta sabuh il-Pulizija fi Triq il-Ġerreja, il-Marsa, huwa kien qiegħed ipejjep is-*synthetic* flimkien ma ħabib tiegħu. Huwa igħid li l-ħabib tiegħu li huwa ta' karnaġġjon skur ma jafx x'ismu, iżda jixtri s-*synthetic* mingħandu. Meta mistoqsi jekk għandux il-vizzju tad-droga, huwa igħid li jpejjep is-*synthetic*. Huwa igħid li s-*synthetic* jixtriha mingħand raġel ieħor ta' karnaġġjon skur li ma jafx x'ismu, iżda jaf li jkun il-*Marsa Park and Ride*. Igħid li meta sabuh il-Pulizija kien Triq il-Ġerrejja u li huwa kien waħdu għax kien mal-ħabib tiegħu iktar qabel. Meta ġie mistoqsi x'kien qiegħed jagħmel hemmhekk, huwa stqarr li kien mar sabiex jixtri s-*synthetic*.

L-imputat ġie mistoqsi ukoll jekk jikkonfermax li dakinhar stess għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7.30 p.m.) huwa kien telaq jiġri meta ra lill-Pulizija fejn l-istallel fi Triq il-Ġerrejja. L-imputat stqarr bi tweġiba għal din id-domanda li huwa kien telaq jimxi mhux jiġri. Huwa jiċħad li meta telaq kien ħalla xi droga warajh għaliex igħid li m'għandux flus biex jixtri d-droga. Huwa jgħid li sabiex jixtri s-*synthetic* huwa jittalab il-flus. Igħid li jikkonsma żewġ boroż ta' ħames ewro (€5) kuljum. Huwa jiċħad li kellu basket bid-droga u jiċħad li huwa kien ibiegħ id-droga.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi l-imputat qiegħed jiġi akkużat bil-pussess aggravat tad-droga kokaina, herojina u *cannabis* u dan fit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u/jew fil-ġranet ta' qabel din id-data. Id-difiża tikkontendi fit-trattazzjoni finali tagħha, li għalkemm il-Prosekuzzjoni ressqet provi li juru li fil-jum in kwistjoni, il-Pulizija raw persuna maskili li kif ra lill-Pulizija ħarab minn fuq il-post u ħalla warajh basket li rriżulta li kien fih id-droga, il-Prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova li dik il-persuna fil-fatt kienet l-imputat odjern. Illi għalhekk id-difiża tikkontendi li din il-Qorti m'għandix tagħti affidament lill-verżjoni mogħtija mill-Uffiċjali tal-Pulizija u l-identifikazzjoni minnhom magħmula tal-

[20] A fol. 9 tal-atti proċesswali

imputat bħala l-persuna li kien ħarab minn fuq il-post u ħalla l-imsemmi basket kontenenti droga warajh. Illi d-difiża tisħaq illi l-Qorti ma tistax tistrieħ fuq il-verżjoni mogħtija mill-Pulizija stante li l-identifikazzjoni magħmula minnhom ma kinetx waħda b'saħħitha tenut kont li skond l-istess difiża, kien hemm diversi inkonsistenzi fix-xhieda tal-Uffiċjali tal-Pulizija, kif ukoll iżżid li għal persuni ta' nazzjonalita Maltija hija xi ħaġa faċli li jitfixklu persuna ta' karnaġġjon skur ma oħra.

Illi d-difiża tissottometti ukoll li l-imputat ma għandux jinstab ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih u dan għaliex tisħaq li f'dan il-każ ma nġabitx l-aqwa prova billi ma nġabux il-filmati tas-CCTV li kien hemm fl-akwati u ma nġabux il-filmati tal-*bodycams* tal-Pulizija li kien hemm fuq il-post. F'dan ir-rigward, referenza ssir għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Roderick Gerada** mogħtija nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) fejn ingħad illi:

> *"Ir-regola proċedurali bażi hija dik li l-Prosekuzzjoni trid iġġib il-quddiem l-iktar prova sħiħa u b'saħħitha nonche' l-aqwa prova. Iżda jekk l-imputat ikun jidhilrlu li l-Prosekuzzjoni kellha ġġib xi prova u din il-prova ma tkunx ġiet prodotta mill-Prosekuzzjoni, dan ma jkunx ifisser li minħabba f'hekk il-każ tal-Prosekuzzjoni jkun difettuż. Fl-evalwazzjoni tal-każ li jkollha quddiemha il-Qorti trid tħares lejn il-kwadru probatorju kollu u mhux lejn biċċiet ta' evidenza meqjusa singolarment u b'mod spezzettat. Jekk il-Prosekuzzjoni jkun jidhrilha li bil-provi li tkun ressqet, hija tkun diġa pruvat il-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, il-Prosekuzzjoni tista' tieqaf hemm. Imbagħad jispetta lill-ġudikant li jagħmel eżerċizzju ta' apprezzament ta' dawk il-provi u jqis jekk kinux tassew jissodisfaw dak il-livell ta' suffiċjenza probatorja biex jirnexxu b'suċċess l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat."*

Illi għaldaqstant il-fatt li d-difiża jidrilha li l-prosekuzzjoni kellha ġġib provi oħra li ma ġewx prodotti minnha, ma jfissirx awtomatikament li l-każ tal-prosekuzzjoni ma ġiex pruvat u li għalhekk l-imputat għandu jiġi liberat. Dak li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tevalwa l-provi kollha miġjuba quddiemha u dan sabiex tiddeċiedi jekk ir-reati li l-imputat jinsab akkużat li wettaq jirriżultawx pruvati fil-grad rikjest mill-liġi.

Illi skont il-provi prodotti jidher illi nhar it-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), il-Pulizija kienu qegħdin jagħmlu ronda fl-inħawi ta' Triq il-Ġerrejja, il-Marsa, fejn huma nnutaw persuna maskili ta' karnaġġjon skur li x'ħin ra lill-Pulizija, rema basket u ħarab jiġri. Il-Pulizija spjegat li dan il-basket li rriżulta li kien basket ta' kulur abjad bil-kelma Spar, kien jikkontjeni numru ta' sustanzi. Illi mir-relazzjoni tal-espert Gilbert Mercieca maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti sabiex jannalizza s-sustanzi misjuba fl-istess basket, irriżulta li fil-fatt s-sustanzi misjuba kienu jikkonsistu f'erbgħin punt sebgħa u erbgħin gramma (40.47g) ta' *cannabis* imqassma ġewwa wieħed u erbgħin borża (41), sittax punt sebgħa u ħamsin gramma (16.57g) ta' kokaina mqassma ġewwa mija u tnax (112) il-borża, wieħed u għoxrin punt sitta u erbgħin gramma (21.46g) ta' herojina, kaffeina u acetaminophen imqassma ġewwa wieħed u disgħin (91) borża u tnax punt tmienja u erbgħin gramma (12.48g) ta' reżina tal-*cannabis*.

Irriżulta ukoll mill-provi prodotti, li aktar tard fl-istess jum, l-imputat ġie arrestat fl-istess inħawi, fejn ittieħed l-Għassa tal-Pulizija sabiex jiġi nvestigat. Fl-istqarrija rilaxxata minnu nhar it-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023), l-imputat ċaħad l-allegazzjonijiet kontrih u rrisponda hekk :-

> *"M. Naqblu li llum għall-ħabta tas-19:30hrs kien hemm żewġ Pulizija fejn l-istallel fi Triq il-Ġerrejja u kif rajthom ħrabt tiġri?*
>
> *T. Mhux tlaqt niġri imma tlaqt nimxi.*
>
> *M. Iġifieri inti ma tlaqtx tiġri meta rajt lill-Pulizija?*
>
> *T. Le.*
>
> *M. Naqblu li inti qabel tlaqt tiġri meta rajt lill-Pulizija ħallejt xi droga warajk?*
>
> *T. Le għax m'għandix biex nixtri."*

Illi għalhekk għalkemm l-imputat ma ċaħadx li dakinhar stess aktar kmieni għall-ħabta tas-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19:30hrs), huwa kien ra lill-Pulizija meta huwa kien fi Triq il-Ġerrejja, hu jiċħad li kien telaq jiġri x'ħin ra lill-Pulizija, kif ukoll jiċħad li kellu basket bid-droga f'idejh u ħallieh warajh. Igħid li dak il-ħin x'ħin ra lill-Pulizija huwa telaq jimxi u ma ħalliex droga warajh għaliex m'għandux flus sabiex jixtri d-droga.

Mill-banda l-oħra din il-Qorti għandha quddiemha l-verżjoni tal-Uffiċjali tal-Pulizija li jikkonfermaw ripetutament u b'ċertezza assoluta l-identita' tal-imputat bħala l-persuna li kien ħarab minn fuq il-post fit-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u li kien ħalla l-basket kontenenti d-droga warajh.

Illi l-Qorti tqis li meta tiġi sabiex tagħrbel l-evidenza marbuta mal-identifikazzjoni tal-awtur ta' reat, jeħtieġ li teżerċita kawtela u ċirkospezzjoni. Illi l-Qrati nostrana dejjem segwew ir-regoli mfassla fil-kawża **Regina -vs-Turnbull**[21] deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-Ingilterra, in materja ta' identifikazzjoni tal-imputat. Illi għalkemm dawn ir-regoli ma jikostitwixxu l-ebda regola taħt il-liġi Maltija, iservu bħala linji gwida fil-każ tal-identifikazzjoni tal-persuna imputata. Illi f'dan il-każ ġie ritenut illi meta l-każ kontra l-imputat jiddependi unikament jew sostanzjalment fuq il-korrettezza ta' identifikazzjoni tal-imputat, bħal ma hu l-każ in diżamina, jeħtieġ kawtela kbira u eżami akkurat tal-kwalita` tal-evidenza ta' identifikazzjoni u taċ-ċirkostanzi li fihom tkun saret din l-identifikazzjoni, fosthom it-tip ta' viżwali li kellu x-xhud, id-distanza bejniethom, jekk kienx jafu jew qattx rah qabel, kif ukoll iż-żmien li għadda bejn l-osservazzjoni originali u l-identifikazzjoni li saret. F'dik id-decizjoni, intqal hekk:-

> *"First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.*
>
> *Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made.*
>
> *How long did the witness have the accused under observation?*

[21] 1977 – QB244

*At what distance?*

*In what light?*

*Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people?*

*Had the witness ever seen the accused before?*

*How often?*

*If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused?*

*How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police?*

*Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance?*

*If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason to believe that there is such a material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the prosecution should supply them.Finally, he should remind the jury of any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence.*

*Recognition may be more reliable* than *identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.*

*All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger.*[22] *"*

[22] Ara Blackstone's Criminal Practice, 1991, pagna 1991; Archbold, 1997, pagni 1255- 1256.

Applikati dawn il-prinċipji għar-riżultanzi tal-provi u x-xhieda, il-Qorti hija tal-fehma li l-identifikazzjoni mill-Uffiċjali tal-Pulizija hija waħda b'saħħitha. Illi l-Qorti tqis li l-Pulizija kienu konsistenti dwar l-idenitita' tal-imputat bħala l-persuna li kien ħarab minn fuq il-post aktar kmieni fil-jum in kwistjoni u fit-testimonjanza tagħhom ilkoll spjegaw għalfejn kienu ċerti mill-identita' tiegħu.

PS 1320 xehed illi lill-imputat kienu għarfuh għax *"kemm-il darba waqqafna lill-istess persuna ġewwa l-Marsa ehm kemm-il darba hemmhekk.*[23]*"* In kontro-eżami meta mistoqsi minn x'hiex kien għaraf lill-imputat bħala l-persuna li kien ħarab minn fuq il-post fil-jum in kwistjoni, PS 1320 igħid li *"Aħna nagħrfuh, mela għarafna li kien l-istess persuna, one mill-ħwejjeġ, two mill-persuna li hu għax inkunu ġia' waqqafnih kemm-il darba, diversi drabi qabel, il-Marsa. Jiffrekwenta l-Marsa l-istess post.*[24]*"* Huwa igħid li għalkemm ma jiftakarx x'kien liebes, jiftakar li kien liebes l-istess ħwejjeġ meta fl-istess jum reġa' lemaħ lill-imputat li kien ħarab madwar siegħa jew sagħtejn qabel.

PC 2450 Hertian Vassallo ukoll għaraf l-imputat bħala l-persuna li fil-jum in kwistjoni rah jitlaq il-basket u jitlaq jiġri. Huwa igħid li l-imputat kien magħruf magħhom *"għax kemm-il darba waqqafnih fuq tlajjar li kien jagħmel il-Marsa.*[25]*"* In kontro-eżami, ix-xhud igħid hekk :-

| | |
|---|---|
| *"Xhud :* | *Rajna persuna ta' karnaġġjon skur li identifikajnih mal-ewwel għax dejjem ikun fl-akwata.* |
| *Dif:* | *Min x'hiex identifikajtu ?* |
| *Xhud:* | *Għax kemm-il darba waqqafnih u jagħtina d-dokumenti minħabba li jitlajjaw fil-post.* |
| *Dif:* | *Kemm kien qiegħed 'il bogħod dak il-ħin ?* |
| *Xhud:* | *5 to 10 metres mhux ħafna.* |

U aktar tard fix-xhieda tiegħu:-

| | |
|---|---|
| *"Dif:* | *Issa minn x'hiex, jien saqsejtek minn x'hiex għaraft li hu, li dan il-persuna kien Osman ?* |

[23] A fol. 24 tal-atti proċesswali.
[24] A fol. 188 tal-atti proċesswali
[25] A fol. 29 tal-atti proċesswali

*Xhud:* *għaliex waqqafnih kemm-il darba waqt ir-ronda tagħna u kemm-il darba tlabinh id-dokument għaliex huwa jitlajja fl-akkwati tal-istalel."*[26]

L-istess jixhed PC 72 Glenn Camilleri li jgħid :-"*X'ħin lemaħ lilna l-Pulizija dan l-individwu telaq il-basket mal-art fuq il-bankina u ħarab jiġri. Il-persuna li ħarab minn fuq il-post kien ċertu wieħed Osman Badawi bil-police number 19JJ040. Ehm dan il-persuna konna nafuh minn qabel għax kemm-il darba rajnih iħuf ġewwa l-akkwata ... fil-lokalita' tal-Marsa ...*[27]*"* Huwa għaraf ukoll il-persuna li għamel referenza għaliha fix-xhieda tiegħu bħala l-imputat fl-awla. In kontro-eżami meta mistoqsi minn x'hiex kien għaraf lill-persuna maskili li ra titlaq il-basket bħala l-imputat odjern, huwa jirrispondi hekk :- *"għax ir-ronda ma kinitx, mhux darba għamilniha r-ronda. Kemm-il darba għamilna rondi. Il-persuna konna diġa kemm-il darba rajnih u konna diġa għax aħna normali konna nitkellmu man-nies u nsiru nafu min huma. Jiġifieri dan il-persuna konna nafuh."* U aktar tard fix-xhieda tiegħu, igħid li lill-imputat huwa għarfu minn wiċċu u jispjega li:- *"Aħna kemm-il darba din il-persuna ltqajna miegħu, kellimnih daqs li kieku ilni nafu ħafna żmien. Din id-darba x'ħin għamilna eye contact iffriża, telaq il-basket u telaq jiġri. Jiġifieri ma nafx x'nista' niċċara iżjed minn hekk.*[28]*"*

Jingħad illi l-Uffiċjali tal-Pulizija PS 1320, PC 2450 u PC 72 kienu ferm ċari u konsistenti fix-xhieda tagħhom kemm in kwantu għal dak li kienu raw lill-imputat jagħmel, ossia li raw lill-imputat b'basket f'idu mimli sustanzi li huwa ħalla warajh u ħarab minn fuq il-post, kif ukoll in kwantu għall-identifikazzjoni tiegħu. L-Uffiċjali tal-Pulizja igħidu li raw lill-imputat bil-basket f'idu b'mod li setgħu jaraw ukoll lill-imputat jitlaq dan il-basket. Fid-dawl ta' din ix-xhieda, u tal-fatt ukoll li huma ġabru dan il-basket immedjatament, il-Qorti m'għandha l-ebda raġuni tiddubita li l-imputat kien rema dan il-basket jew li dak il-basket kien proprju dak il-basket li huwa kien għadu kif rema quddiem l-Uffiċjali tal-Pulizija.

Il-Qorti tqis ukoll illi mix-xhieda jirriżulta li dan kollu seħħ barra fit-Triq, waqt li l-istess Uffiċjali kienu qegħdin jagħmlu ronda u għalhekk ma kienx hemm xi rassa jew geġwiġija ta' nies li forsi setgħet tellfet lill-Uffiċjali tal-Pulizija f'dak li kienu qegħdin jaraw. Jirriżulta ukoll mill-istess xhieda, li l-Uffiċjali tal-Pulizija kienu viċin tal-imputat u ma jirriżultax li kien hemm xi ħaġa li setgħet b'xi mod tostakola l-identifikazzjoni magħmula minnhom. Dan ifisser li l-Uffiċjali tal-

[26] A fol. 194 tal-atti proċesswali
[27] A fol. 36 tal-atti proċesswali
[28] A fol. 209 tal-atti proċesswali

Pulizija setgħu josservaw lill-imputat mingħajr l-ebda diffikulta u għalhekk setgħu jaraw lill-imputat sew. Tqis ukoll li l-Uffiċjali tal-Pulizija lkoll igħidu li huma kienu raw lill-imputat diversi drabi qabel u li kienu jafuh.

Mhux biss iżda jirriżulta li din l-identifikazzjoni saret dakinhar stess u mhux żmien wara u għalhekk ma jistax jingħad li kien hemm xi trapass twil ta' żmien li seta' jwassal lill-Pulizija li arrestah sabiex ifixxkel il-persuna ma persuna oħra. Tqis ukoll li PS 1320 li kien involut fl-arrest tal-imputat aktar tard fl-istess jum stqarr li l-imputat kien għadu liebes l-istess ħwejjeġ.

Illi din il-Qorti tqis ukoll li l-argument imqanqal mid-difiża li l-imputat huwa bniedem tipiku ta' karnaġġjon skur u allura l-Pulizija setgħet fixklitu ma' ħaddieħor, għaliex għall-persuni ta' nazzjonalita' Maltija huwa faċli li jitfixklu persuni ta' karnaġġjon skur, bħala argument frivolu u li ma huwiex sorret bil-provi fil-każ odjern fejn l-Uffiċċjali tal-Pulizija kienu jafu lill-imputat u kienu rawh diversi drabi qabel.

Il-Qorti kkunsidrat fit-tul kemm ix-xhieda mogħtija mit-tliet Uffiċjali tal-Pulizija, kif ukoll dak li stqarr l-imputat fl-istqarrija rilaxxata minnu lill-Pulizija u tqis illi l-verżjoni mogħtija mill-uffiċjali tal-pulizija hija waħda kredibbli u verosimili u illi l-Qorti m'għandha l-ebda raġuni tiddubita dak li kienu raw it-tliet Pulizija li huma b'għajnejhom stess. Mhux l-istess jista' jingħad in kwantu l-kredibilita` u l-verosimiljanza tal-verżjoni mogħtija mill-imputat li igħid li dak il-ħin x'ħin ra lill-Pulizija huwa telaq jimxi u ma ħalliex droga warajh għaliex m'għandux flus biex jixtri d-droga. Dan minkejja li fl-istess stqarrija igħid li huwa ipejjep żewġ boroż tad-droga sintetika kuljum, li jgħid li jiswew ħames ewro-il waħda.

Illi għalhekk il-Qorti tqis li mill-provi prodotti, m'hemmx dubju li fil-jum in kwistjoni l-imputat kien fil-pussess tad-droga imsemmija, ossia d-droga kokajina, herojina u *cannabis*, bħalma lanqas hemm dubju li l-imputat kellu x-xjenza li trid il-liġi dwar il-kontenut tal-basket li fih ġiet misjuba d-droga, kif jirriżulta evidenti mill-fatt illi r-reazzjoni tiegħu meta nnota li kien hemm il-Pulizija kienet dik li jarmi l-basket bid-droga mal-art u jaħrab minn fuq il-post, hekk kif jirriżulta mid-depozizzjoni tal-Uffiċjali tal-Pulizija li kienu fuq il-post.

Stabbilit dan, dak li l-Qorti jeħtieġ li tiddeċiedi dwaru huwa jekk jirriżultax ippruvat fil-grad rikjest mill-liġi li l-pussess tad-droga da parti tal-imputat ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu. In kwantu r-reat ta' pussess aggravat ta' droga ossia pussess f'tali ċirkostanzi li juru li d-droga ma kinitx intiża għall-użu esklussiv tal-pussessur, kif ġie ritenut fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali

tas-sbatax (17) ta' Frar tas-sena elf disa' mija u sebgħa u disgħin (1997), fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mohammed Ben Hassan Trabelsi:**

> *" ... l-ewwel nett wiehed ghandu jara jekk l-ammont ta' droga huwiex ammont li normalment wiehed jassocja ma' uzu personali, u sa hawn il-piz tal-prova (u cioe` il-prova tal-ammont u tal-pussess) qieghed fuq il-prosekuzzjoni; jekk, pero`, dak l-ammont ikun tali li normalment wiehed ma jassocjahx mal-uzu esklussiv da parti tal-pussessur, ikun jispetta lill-imputat li jipprova, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li dak l-ammont kien ghall-uzu esklussiv tieghu, u dan b'applikazzjoni talArtikolu 26(1) tal-Kap. 101."*

Kif ingħad ukoll fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tat-tnejn (2) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u disgħa u disgħin (1999), fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Carmel Spiteri**:

> *"meta l-ammont ta' droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-qorti li dak ilpussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati".*

Illi pero` kif intqal ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Brian Caruana** deċiża fit-tlieta u għoxrin (23) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002),

> *"Kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w millevalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tallogika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli".*

Il-Qorti tqis li l-ammonti misjuba fil-pussess tal-imputat, kienu dawk ta' erbgħin punt sebgħa u erbgħin gramma (40.47g) ta' *cannabis grass,* sittax punt sebgħa u ħamsin gramma (16.57g) ta' kokaina, wieħed u għoxrin punt sitta u erbgħin gramma (21.46g) ta' herojina, kaffeina u acetaminophen u tnax punt tmienja u

erbgħin gramma (12.48g) ta' reżina tal-*cannabis* hekk kif kien barra mir-residenza tiegħu, liema ammonti huma ammonti konsiderevoli u ċertament li ma humiex ammonti li normalment jiġu assoċjati ma użu personali. Il-Qorti tqis ukoll li d-droga *cannabis* li nstabet fil-pussess tal-imputat kienet imqassma f'wieħed u erbgħin (41) borża, id-droga kokaina kienet mqassma ġewwa mija u tnax (112) il-borża u t-taħlita tal-herojina kienet imqassma ġewwa wieħed u disgħin (91) borża. Dak li jirriżulta għalhekk huwa li l-imputat kien qiegħed jiġri barra mir-residenza tiegħu, fil-pussess ta' diversi tipi ta' droga li kienu mqassma f'mitejn u erbgħa u erbgħin (244) pakkett, li kienu evidentement lesti sabiex jiġu spaċċjati. Jingħad ukoll li fil-pussess tal-imputat instabu ukoll diversi boroż vojta li jintużaw fl-ispaċċ tad-droga.

Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-Qorti tqis li l-pussess mhux għall-użu esklussiv tad-droga kokajina, herojina u *cannabis* ġie pruvat lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni iżda dan b'referenza biss għat-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u mhux ukoll għall-ġranet ta' qabel din id-data.

**Kunsiderazzjonijiet dwar piena**

Għall-fini ta' piena, il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni ċ-ċirkostanzi tal-każ, in-natura serja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat u b'mod partikolari l-kwantita' tad-droga misjuba u l-mod kif din kienet imqassma. Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat, liema fedina penali hija waħda netta.

Għal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) u (f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, dina l-Qorti, wara li rat it-Taqsima IV u VI, l-Artikoli 8(a)(d), 22(1)(a)(1B) u 22(2)(b)(i) tal-Ordinanza Dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, r-Regolamenti erbgħa (4) u disgħa (9) tar-Regoli għall-Kontroll Intern fuq id-Drogi Perikolużi, Leġislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 17 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta; qegħda ssib lill-imputat **Osman Badwy** ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu (u dan b'referenza biss għat-tletin (30) ta' Mejju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u mhux ukoll għall-ġranet ta' qabel din id-data) u qegħda tikkundannah għall-piena ta' tliet (3) snin priġunerija, li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li huwa nżamm taħt arrest

preventiv in konnessjoni ma' dan il-każ u multa ta' elfejn u tmien mitt ewro (€2800).

Illi b'applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kodiċi Kriminali il-multa tista' titħallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn ewro (€200). F'kaz li l-ħlas ikun ser isir b'rati mensili, il-multa hawn imposta għandha titħallas fi żmien ħmistax (15)-il xahar u l-ewwel pagament għandu jsir fi żmien xahar mill-llum, b'dana li jekk il-ħati jonqos milli jħallas pagament wieħed, l-ammont sħiħ jew kwalunkwe bilanċ rimanenti jiġi dovut minnufih u jekk dan ma jitħallasx jiġi konvertit fi priġunerija skond il-liġi.

Ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qegħda tikkundanna lill-ħati iħallas is-somma ta' tmien t'elef tmien mija u disgħa u sebgħin ewro u sittin ċenteżmu (€8879.60) rappreżentanti l-ispejjeż in konnessjoni mal-ħatra tal-esperti PS 385 Emanuel Dalli[29], Gilbert Mercieca[30], Dr. Marisa Cassar[31], PS 813 Clinton Vella[32] u Joseph Mallia[33] fl-istadju tal-inkjesta maġisterjali, kif ukoll f'dawn il-proċeduri, fi żmien tmien (8) xhur mill-llum.

Il-Qorti qegħda f'dan l-istadju tordna d-distruzzjoni tas-sustanzi esebiti hekk kif din is-sentenza tgħaddi in ġudikat u dan taħt il-ħarsien tar-Reġistratur li għandu jirrediġi proċess verbal li jiddokumenta l-proċedura tad-distruzzjoni, liema dokument għandu jiġi nserit fl-atti ta' din il-kawża mhux aktar tard minn ħmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Maġistrat Dr. Giannella Camilleri Busuttil

Deputat Reġistratur Michela Attard Deguara

[29] Mir-relazzjoni ta' PS 385 Emanuel Dalli mmarkata bħala 'Dok ED' u inserita a fol. 71 tal-atti proċesswali jirriżulta li l-ispejjeż jammontaw għal mitejn u disgħa u ħamsin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€259.25)

[30] Mir-relazzjoni ta' Dr. Gilbert Merceieca mmarkata bħala 'Dok GM' u inserita a fol. 119 tal-atti proċesswali jirriżulta li l-ispejjeż jammontaw għal elfejn, disgħa mija u għoxrin ewro u ħamsin ċenteżmu (€2920.50).

[31] Mir-relazzjoni ta' Dr. Marisa Cassar mmarkata bħala 'Dok MC' u inserita a fol. 129 tal-atti proċesswali jirriżulta li l-ispejjeż jammontaw għal erbat elef ħames mija u tlieta u sebgħin ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€4573.68).

[32] Mir-relazzjoni ta' PS 813 Clinton Vella mmarkata bħala 'Dok CV' u inserita a fol. 148 tal-atti proċesswali jirriżulta li l-ispejjeż jammontaw għal ħames mija u ħamsin ewro u ħdax-il ċenteżmu (€550.11).

[33] Mir-relazzjoni ta' Joseph Mallia mmarkata bħala 'Dok JM' u nserita a fol. 172 tal-atti proċesswali jirriżulta li l-ispejjeż jammontaw għal ħames mija u sitta u sebgħin ewro u sitt ċenteżmi (€576.06)